REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/616

tat-13 ta' April 2021

li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi ta' residwi għall-benalaxyl, il-benalaxyl-M, id-dichlobenil, il-fluopicolide, il-proquinazid u l-pyridalyl f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwu (MRLs) għall-benalaxyl u l-benalaxyl-M ġew stabbiliti fl-Anness II u fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-MRLs għall-fluopicolide, il-proquinazid u l-pyridalyl ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-MRLs għad-dichlobenil ġew stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Għall-benalaxyl u l-benalaxyl-M, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ressqet opinjoni raġunata dwar ir-rieżami tal-MRLs eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). Hija qieset ir-rieżami preċedenti għall-benalaxyl ([3]). Għal xi prodotti l-Awtorità rrakkomandat li l-MRLs eżistenti jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-għeneb tal-mejda, il-patata, it-tewm, il-basal, ix-xalotti, il-ħass, u l-kurrat xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(3) Għad-dichlobenil, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([4]). Billi d-dichlobenil ma għadux approvat fl-UE u l-awtorizzazzjonijiet kollha għal din is-sustanza ġew revokati, l-MRLs jenħtieġ li jibqgħu fl-Anness V fil-limitu ta' determinazzjoni (LOD).

(4) Għall-fluopicolide, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). Hija rrakkomandat li jitnaqqas l-MRL għall-ħass. Għal ċerti prodotti oħrajn irrakkomandat li l-MRLs eżistenti jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-Awtorità kkonkludiet li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli dwar l-MRLs għall-iskalora/indivja bil-weraq wesgħin, il-ħops, il-ħnieżer (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), il-bovini (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), in-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), il-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), l-ekwini (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), it-tjur (muskoli,

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for benalaxyl-M according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2019;17(9):5818.

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for benalaxyl according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2013;11(10):3405.

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for dichlobenil according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2013;11(5):3218.

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for fluopicolide according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2019;17(7):5748.

xaħam, fwied u kliewi), annimali terrestri mrobbijin oħrajn (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), il-ħalib (bhejjem tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż) u l-bajd tat-tjur, u li għaldaqstant kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(5) Għall-proquinazid, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([6]). Ippproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu għal prodotti li joriġinaw mill-annimali u rrakkomandat li l-MRLs eżistenti jogħlew jew jibqgħu kif inhuma. L-MRLs għal dawk il-prodotti jeħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-Awtorità kkonkludiet li dwar l-MRLs għax-xgħir, il-ħafur, il-bovini (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), in-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), il-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied u kliewi), l-ekwini (muskoli, xaħam, fwied u kliewi) u l-ħalib (bhejjem tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż) xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Għall-pyridalyl, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([7]). Huwa rakkomandat li jitnaqqas l-MRL għall-bżar ħelu/bżar felfel. Għal prodotti oħrajn, l-Awtorità rrakkomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew jinżamm dak eżistenti. L-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(7) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew limiti massimi tar-residwi fil-Codex (CXLs), l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-LOD speċifiku jew jenħtieġ li japplika l-MRL prestabbilit, kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(8) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi fir-rigward tal-bżonn li jiġu adattati ċerti limiti ta' determinazzjoni. Fir-rigward ta' diversi sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċertu prodotti bażiċi l-iżvilupp tekniku jeżiġi li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(9) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(10) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u tqiesu l-kummenti tagħhom.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(12) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li jkunu ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom jintwera li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(13) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs immodifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for proquinazid according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2020;18(1):5987.

([7]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for pyridalyl according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2019;17(9):5814.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew manifatturati fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel is-6 ta' Novembru 2021.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-6 ta' Novembru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-kolonna għall-benalaxyl u benalaxyl-M hija sostitwita bi:

Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)

In-numru tal-kodiċi	**Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs** [a]	Benalaxyl, inklużi tahlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti, inkluż il-benalaxyl-M (is-somma ta' isomeri)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	
0110000	**Frott taċ-ċitru**	**0.01** (*)
0110010	Grejpfrut	
0110020	Lariġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn (2)	
0120000	**Ġewż tas-siġar**	**0.01** (*)
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	**Pomu**	**0.01** (*)
0130010	Tuffieħ	
0130020	Langas	
0130030	Sfarġel	

0130040	Naspli	
0130050	Naspli tal-Ġappun	
0130990	Oħrajn (2)	
0140000	**Frott tal-għadma**	**0.01** (*)
0140010	Berquq	
0140020	Ċiras (ħelu)	
0140030	Ħawħ	
0140040	Għanbaqar	
0140990	Oħrajn (2)	
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**	
0151000	(a) **għeneb**	
0151010	Għeneb tal-mejda	**0.7 (+)**
0151020	Għeneb għall-inbid	0.3
0152000	(b) **frawli**	**0.01** (*)
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**	**0.01** (*)
0153010	Tut	
0153020	Tut salvaġġ	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn (2)	
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**	**0.01** (*)
0154010	Mirtill	
0154020	Cranberries	
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	
0154050	Warda skoċċiża	
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	
0154080	Frott tas-sebuqa	
0154990	Oħrajn (2)	
0160000	**Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:**	**0.01** (*)
0161000	(a) **b'qoxra li tittiekel**	
0161010	Tamal	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Lariġ tal-qsari	
0161050	Karambola	
0161060	Kaki	
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	
0161990	Oħrajn (2)	

0162000	(b) **b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir**	
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frott tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk	
0162050	Tuffieħ stilla	
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn (2)	
0163000	(c) **b'qoxra li ma tittikilx, u kbir**	
0163010	Avokado	
0163020	Banana	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja	
0163070	Gwava	
0163080	Ananas	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	
0163100	Durian	
0163110	Il-frotta tal-annona	
0163990	Oħrajn (2)	
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**	
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**	
0211000	(a) **patata**	**0.02** (*)**(+)**
0212000	(b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi**	**0.01** (*)
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa**	**0.01** (*)
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għeruq tal-mustarda	
0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin ta' Hamburg	
0213080	Ravanell	

0213090	Leħjet il-bodbod	
0213100	Swedes	
0213110	Lift	
0213990	Oħrajn (2)	
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	
0220010	Tewm	**0.02** (*)**(+)**
0220020	Basal	**0.02** (*)**(+)**
0220030	Xalotti	**0.02** (*)**(+)**
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	**0.01** (*)
0220990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	
0231000	(a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae* u tal-familja tal-*Malvaceae***	
0231010	Tadam	0.5
0231020	Bżar ħelu	**0.01** (*)
0231030	Brunġiel	0.5
0231040	Bamja	**0.01** (*)
0231990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
0232000	(b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel**	**0.01** (*)
0232010	Ħjar	
0232020	Ħjar tal-pikles	
0232030	Zukkini	
0232990	Oħrajn (2)	
0233000	(c) **kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**	
0233010	Bettieħ	0.3
0233020	Qara' aħmar	**0.01** (*)
0233030	Dulliegħ	**0.15**
0233990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
0234000	(d) **qamħirrum ħelu**	**0.01** (*)
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**	**0.01** (*)
0240000	**Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**	**0.01** (*)
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**	
0241010	Brokkli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn (2)	
0242000	(b) **kaboċċi kkapoċċati**	
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	
0242020	Kaboċċa kkapoċċati	
0242990	Oħrajn (2)	

0243000	(c) **brassika bil-weraq**	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	
0243020	Kaboċċi (“kales”)	
0243990	Oħrajn (2)	
0244000	(d) **ġdur**	
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	**0.01** (*)
0251020	Ħass	**3 (+)**
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	**0.01** (*)
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	**0.01** (*)
0251050	Krexxuni tal-art	**0.01** (*)
0251060	Aruka	**0.01** (*)
0251070	Mustarda ħamra	**0.01** (*)
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	**0.01** (*)
0251990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**	**0.01** (*)
0252010	Spinaċi	
0252020	Burdlieq	
0252030	Weraq tas-selq	
0252990	Oħrajn (2)	
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili**	**0.01** (*)
0254000	(d) **krexxuni**	**0.01** (*)
0255000	(e) **ċikwejra**	**0.01** (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	**0.02** (*)
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat selvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Timu	
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stregun	
0256990	Oħrajn (2)	
0260000	**Legumi**	**0.01** (*)
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	
0260020	Fażola (bla mżiewed)	
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	

0260040	Piżelli (bla mżiewed)	
0260050	Għads	
0260990	Oħrajn (2)	
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	
0270010	Spraġ	**0.01** (*)
0270020	Kardun	**0.01** (*)
0270030	Krafes	**0.01** (*)
0270040	Bużbież ta' Firenze	**0.01** (*)
0270050	Qaqoċċ	**0.01** (*)
0270060	Kurrat	**0.02** (*)**(+)**
0270070	Rabarbru	**0.01** (*)
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	**0.01** (*)
0270090	Qlub tal-palm	**0.01** (*)
0270990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	**0.01** (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	
0300000	**BUS U ĦEMES**	**0.01** (*)
0300010	Fażola	
0300020	Għads	
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	
0300990	Oħrajn (2)	
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	**0.01** (*)
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	
0401020	Karawett	
0401030	Żerriegħa tal-peprin	
0401040	Ġulġlien	
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	
0401060	Żerriegħa tal-lift	
0401070	Fażola tas-sojja	
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	
0401090	Żerriegħa tal-qoton	
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	

0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*	
0401140	Qannebusa	
0401150	Fażola tar-riġnu	
0401990	Oħrajn (2)	
0402000	**Frott taż-żejt**	
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn (2)	
0500000	**ĊEREALI**	**0.01** (*)
0500010	Xgħir	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	
0500030	Qamħirrum	
0500040	Millieġ komuni	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ	
0500990	Oħrajn (2)	
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	**0.05** (*)
0610000	**Tejiet**	
0620000	**Kafeni**	
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**	
0631000	(a) **mill-fjuri**	
0631010	Kamumella	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	(b) **mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi**	
0632010	Frawla	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	

0633000	(c) **mill-għeruq**	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	(d) **minn kull parti oħra tal-pjanta**	
0640000	**Żerriegħa tal-Kawkaw**	
0650000	**Ħarrub**	
0700000	**ĦOPS**	**0.05** (*)
0800000	**ĦWAWAR**	**0.05** (*)
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	
0810010	Ħlewwa	
0810020	Kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn (2)	
0820000	**Ħwawar tal-frott**	
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	
0820020	Bżar tas-Sichuan	
0820030	Karwija	
0820040	Kardamomu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)	
0820070	Vanilja	
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	
0820990	Oħrajn (2)	
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**	
0840010	Għud is-sus	
0840020	Ġinġer (10)	
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	
0840040	Għerq tal-mustarda (11)	
0840990	Oħrajn (2)	

0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn (2)	
0870000	**Ħwawar tal-aril**	
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	**0.01** (*)
0900010	Pitravi ħelu	
0900020	Kannamieli	
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	
0900990	Oħrajn (2)	
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**	
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**	
1011000	(a) **mill-ħnieżer**	
1011010	Muskoli	**0.02** (*)
1011020	Xaħam	**0.01** (*)
1011030	Fwied	**0.01** (*)
1011040	Kliewi	**0.01** (*)
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0.01** (*)
1011990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
1012000	(b) **mill-annimali bovini**	
1012010	Muskoli	**0.02** (*)
1012020	Xaħam	**0.01** (*)
1012030	Fwied	**0.01** (*)
1012040	Kliewi	**0.01** (*)
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0.01** (*)
1012990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
1013000	(c) **min-nagħaġ**	
1013010	Muskoli	**0.02** (*)
1013020	Xaħam	**0.01** (*)
1013030	Fwied	**0.01** (*)
1013040	Kliewi	**0.01** (*)
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0.01** (*)
1013990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)

1014000	(d) **mill-mogħoż**	
1014010	Muskoli	**0.02** (*)
1014020	Xaħam	**0.01** (*)
1014030	Fwied	**0.01** (*)
1014040	Kliewi	**0.01** (*)
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0.01** (*)
1014990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
1015000	(e) **mill-ekwini**	
1015010	Muskoli	**0.02** (*)
1015020	Xaħam	**0.01** (*)
1015030	Fwied	**0.01** (*)
1015040	Kliewi	**0.01** (*)
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0.01** (*)
1015990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
1016000	(f) **mill-pollam**	
1016010	Muskoli	**0.02** (*)
1016020	Xaħam	**0.01** (*)
1016030	Fwied	**0.01** (*)
1016040	Kliewi	**0.01** (*)
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0.01** (*)
1016990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
1017000	(g) **minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn**	
1017010	Muskoli	**0.02** (*)
1017020	Xaħam	**0.01** (*)
1017030	Fwied	**0.01** (*)
1017040	Kliewi	**0.01** (*)
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	**0.01** (*)
1017990	Oħrajn (2)	**0.01** (*)
1020000	**Ħalib**	**0.02** (*)
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn (2)	
1030000	**Bajd tal-għasafar**	**0.02** (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżż	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn (2)	

1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	**0.05** (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	**0.02** (*)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	**0.02** (*)
1070000	**Annimali vertebrati terrestri slavaġ**	**0.02** (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**	
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**	
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**	

(*) Jindika limitu ta' kwantifikazzjoni analitika

([a]) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

Benalaxyl, inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti, inkluż il-benalaxyl-M (is-somma ta' isomeri)

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat li hemm xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi u dwar il-metaboliżmu tal-għelejjel li mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sentejn wara l-pubblikazzjoni], jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0151010 Għeneb tal-mejda

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metaboliżmu tal-għelejjel mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sentejn wara l-pubblikazzjoni], jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0211000 (a) patata
0220010 Tewm
0220020 Basal
0220030 Xalotti

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metaboliżmu tal-għelejjel u dwar il-provi tar-residwi mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sentejn wara l-pubblikazzjoni], jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0251020 Ħass

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel indunat li xi informazzjoni dwar il-metaboliżmu tal-għelejjel mhix disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa' [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sentejn wara l-pubblikazzjoni], jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0270060 Kurrat

(b) jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għall-fluopicolide, il-proquinazid u l-pyridalyl:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-Kodiċi	Gruppi u eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (a) (a)	Fluopicolide	Proquinazid (F) (R)	Pyridalyl
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**			0.01 (*)
0110000	**Frott taċ-ċitru**	0.01 (*)	**0.01** (*)	
0110010	Grejpfrut			
0110020	Larinġ			
0110030	Lumi			
0110040	Xkomp			
0110050	Mandolin			
0110990	Oħrajn			
0120000	**Ġewż tas-siġar**	0.01 (*)	0.02 (*)	
0120010	Lewż			
0120020	Ġewż tal-Brażil			
0120030	Ġewż tal-anakardju			
0120040	Qastan			
0120050	Ġewż tal-Indi			
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew			
0120070	Macadamia			
0120080	Ġewż Amerikan			
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu			
0120100	Pistaċċi			
0120110	Ġewż			
0120990	Oħrajn			
0130000	**Pomu**	0.01 (*)		
0130010	Tuffieħ		0.08	
0130020	Lanġas		0.08	
0130030	Sfarġel		**0.01** (*)	
0130040	Naspli		**0.01** (*)	
0130050	Naspli tal-Ġappun		**0.01** (*)	
0130990	Oħrajn		**0.01** (*)	
0140000	**Frott tal-għadma**	0.01 (*)	**0.01** (*)	
0140010	Berquq			
0140020	Ċiras (ħelu)			
0140030	Ħawħ			

0140040	Għanbaqar			
0140990	Oħrajn			
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**			
0151000	(a) **għeneb**	2	0.5	
0151010	Għeneb tal-mejda			
0151020	Għeneb għall-inbid			
0152000	(b) **frawli**	0.01 (*)	**2**	
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**		**0.01** (*)	
0153010	Tut	3		
0153020	Ċawsli iswed [Dewberries]	0.01 (*)		
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	0.01 (*)		
0153990	Oħrajn	0.01 (*)		
0154000	(d) **frott żgħir ieħor u berries**	0.01 (*)		
0154010	Mirtill		**0.01** (*)	
0154020	Cranberries		**0.01** (*)	
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)		1.5	
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)		1.5	
0154050	Warda skoċċiża		**0.01** (*)	
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)		**0.01** (*)	
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran		**0.01** (*)	
0154080	Frott tas-sebuqa		**0.01** (*)	
0154990	Oħrajn		**0.01** (*)	
0160000	**Frott - diversi bi**	0.01 (*)		
0161000	(a) **qoxra li tittiekel**			
0161010	Tamal		**0.01** (*)	
0161020	Tin		**0.01** (*)	
0161030	Żebbuġ tal-mejda		0.02 (*)	
0161040	Lariġ tal-qsari		**0.01** (*)	
0161050	Karambola		**0.01** (*)	
0161060	Kaki		**0.01** (*)	
0161070	Jambolan		**0.01** (*)	
0161990	Oħrajn		**0.01** (*)	
0162000	(b) **qoxra li ma tittikilx, żgħar**		**0.01** (*)	
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)			
0162020	Liċċi			
0162030	Frotta tal-passjoni			

0162040	Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus			
0162050	Tuffieħ stilla			
0162060	Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja			
0162990	Oħrajn			
0163000	(c) **qoxra li ma tittikilx, kbar**			
0163010	Avokado		0.02 (*)	
0163020	Banana		**0.01** (*)	
0163030	Mango		**0.01** (*)	
0163040	Papaja		**0.01** (*)	
0163050	Rummien		**0.01** (*)	
0163060	Ċerimoja		**0.01** (*)	
0163070	Gwava		**0.01** (*)	
0163080	Ananas		**0.01** (*)	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż		**0.01** (*)	
0163100	Durjan		**0.01** (*)	
0163110	Il-frotta tal-annona		**0.01** (*)	
0163990	Oħrajn		**0.01** (*)	
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**			
0210000	**Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**		**0.01** (*)	0.01 (*)
0211000	(a) **patata**	0.03		
0212000	(b) **ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi**	**0.01** (*)		
0212010	Għeruq tal-kassava			
0212020	Patata ħelwa			
0212030	Jammijiet			
0212040	Ararut			
0212990	Oħrajn			
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi**	**0.2**		
0213010	Pitravi			
0213020	Zunnarija			
0213030	Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi			
0213040	Għerq tal-mustarda			
0213050	Artiċokks			
0213060	Zunnarija bajda			
0213070	Tursin tuberuż			
0213080	Ravanell			
0213090	Sassefrika			

0213100	Swedes			
0213110	Kromb			
0213990	Oħrajn			
0220000	**Ħxejjex tal-basla**		**0.01** (*)	0.01 (*)
0220010	Tewm	0.3		
0220020	Basal	1		
0220030	Xalotti	0.3		
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	10		
0220990	Oħrajn	0.01 (*)		
0230000	**Ħxejjex tal-frott**			
0231000	(a) **solanacea**	1		
0231010	Tadam		0.15	**1.5**
0231020	Bżar ħelu (kapsikum)		**0.01** (*)	**0.9**
0231030	Brunġiel		0.15	**1.5**
